Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA**

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 37

29 **t' Ottubru 2021**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ġimgħa 29 t' Ottubru 2021 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 37 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **37.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **37.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 37.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 35 u numru 36 tqassmu lill-kunsilliera permezz ta' imejl. Il-minuti numru 35 ġiet approvata mill-kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-Kunsillier is-Sur. Malcolm Gatt, waqt li l-minuta 36 ġiet approvata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar u sekondata mil-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **37.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 37.03.01 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar ittra li irċieva minn għand l-għaqda sajjieda u barklori u wara li qrajilhom infurmhom li tkellem mad-Direttur Ġenerali is-Sur Stephen Bonello dwar il-manutenzjoni tax-xatt, f'hix wasal ix-xogħol tal-ħadid tar-railingtax-xatt. Is-Sur Stephen Bonello qal li għal din is-sena il-ħaddiema tiegħu huma assenjati fuq xogħol ieħor urġenti pero, fil-bidu tas-sena 2022 ser jibgħat xi ħaddiema. Is-Sur Stephen Bonello bagħat 6 bollards li huma bħal dawk eżistenti li hemm fix-xatt għal użu tal-kunsill, dawn qegħdin merfugħin fil-letrina tax-xatt. Kien sar suġġeriment biex issiru 2 bollards oħra fejn itellgħu id-dagħjjes, fl-iskall ta quddiem it-Terrace Houses dawn ser issiru b'katnazz li ser ikun għand ta' l-għaqda, dan il-katnazz mhux ser ikun b'ċavetta imma b'code. Dan il-katnazz ser jieħu ħsieb mas-Sur Clayton Fiteni li huwa l-president tal-għaqda Sajjieda u Barklori. Talbu wkoll li jsiru tabelli biex jindikaw li dawn iż-żoni fejn l-iskallijiet huma berthing zones. Talbu li fix-xitwa jinqalgħu żewġ bankijiet li hemm fejn ix-xewkija sabiex fix-xitwa jkun hemm aktar spazju biex itellgħu id-dagħjjes., qed jitolbu wkoll sabiex issir arblu bil-panelli għas-spejjeż tal-għaqda biex ikunu hemm aktar dawl. Il-kunsilliera qablu dwar dan l-ablu. Talbu wkoll sabiex ikun hemm CCTV tul ix-xatt kollu. Is-Sindku issuġġerixa li jista jkun hemm arblu li l-cameras jiġu użati bil-pannelli. Il-ħwienet u r-restoranti qablu li jsir dawn il-cameras bi spejjeż tagħhom. |

| | |
|---|---|
| 37.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li wara laqgħat li l-kunsill kellu mas-sidien tar-restoranti u ħwienet tax-xatt u sidien ta' garaxxijiet, kien hemm min qabel li jkollu katina minn bollard sa bollard u kien hemm min ma qabilx. Garaxx minn tax-xatt talab lit-TM sabiex jagħmel electric bollards. Kien hemm persuna li xtaq li l-bollards jixtieq li jagħmilhom electric, is-sindku qal li dawn irridu jiġu approvati mit-TM. Kien hemm restorant li kellu ilment li jekk issiru l-bollards tad-deliveries ma jkunux jistgħu jieqfu biex iħottu x-xogħol, iżda is-sindku bagħat lil ta' TM biex issir kaxxa safra għall loading u unloading quddiem iz-zebra cross li tiġi x-xatt k/m Triq San Pietru u San Pawl għax li kien hemm ma kienetx approvata mit-TM, għalhekk issa ser issir bil-permess. |
| 37.03.03 | Is- Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar laqgħa li kellu mas-supretendent fejn dan issuġġerixxa li terġa tintalab talba mit-TM sabiex fejn hemm il-linji sofor jerġgħu issiru parkeġġi fix-xatt in-naħa ta Triq Dingli Cornelio. |
| 37.03.04 | Is-segretarju eżekuttiv bagħtet imejl fid-19 t'Ottubru fejn kienet infurmat lil kunsilliera li hi flimkien mas-sindku tkellmu ma l-accountant fejn l-accountant ikkonfermat li l-kunsill huwa f'pożizzjoni li jħallas l-ammont kollu tal-van u numru tal-Van ikun ISL805, in-numri jirrappreżentaw Jum L-Isla it-8 ta' Mejju. Il-Kunsilliera qablu ma dan. |
| 37.03.05 | Il-Perit Fleur Ebejer ikkomunikat mas-segretarju eżekuttiv is-Sinj. Graziella Gellel u s-sindku Clive Pulis sabiex tintuża s-sala għad-delegazzjoni ta barranin bejn 16 u 18 ta' Novembru 2021 sabiex ikomplu l-proġett pilota tal-app madwar l-Isla għal healty cities. |
| 37.03.06 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li s-Sur Chris Galea d-direttur tad-dipartiment għal-gvern lokali segwa il-proċedura ta Online Permit System li l-Kunsill Lokali tal-Isla investa f'din l-app sabiex mil-kumdita ta dar ir-resident jew kuntrattur ikun jista japplika għall permess. Is-Sur Chris Galea filwaqt li irringrazzja lis-16 il-kunsill li investew f'din l-app talab laqgħa ma dawn is-segretarji eżekuttivi li bdew iħaddmu din is-sistema u ħabbar li d-dipartiment ser isegwi dawn il-passi u din l-app tiġi introdotta għall kull kunsill. |
| 37.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa ms-Sinj Rita Micallef mil-kumpanija Erremime Advisors Ltd dwar studju favur l-ambjent biex fil-lokalita żgħira bħal-L-Isla tkun tista tuża dan is-servizz li jikonsisti b'van żgħir biex iqassam id-deliveries lil tal-ħwienet u b'hekk ma jkunx hemm għalfejn li trakkijiet kbar jidħlu fil-belt tal-Isla. |

| | |
|---|---|
| 37.03.08 | Is-Sindku ħabbar li l-proġett ta' l-Arts Council dwar it-tisbieħ tal-Pjazza Andrea Debono billi jsiru Murals mal-ħitan u pavimentar bil-muzaik ma ġiex approvat. |
| 37.03.09 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li saret l-attivita mal-Community Officers fuq iz-zuntier tal-knisja fejn tqassmu *leaflets* ta' kif jinħareġ l-iskart u biex jinkoraġġixu r-residenti jiltaqgħu mal-puluzija fejn hemm bżonn sabiex jitolbu l-għajnuna meħtieġa. |
| 37.03.10 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv ikkomunikaw mal-kunsilliera li kellhom laqgħa mas-CEO tis-Sinjura Roseanne Camilleri tal-Primary Helath Care u s-Sur Raymond Sammut fejn ġie diskuss għaliex il-klinika tal-Isla hija magħluqa. Huma spjegaw li issa r-residenti ma għandhomx għalfejn jagħmlu ir-riċetta sabiex jiġbru il-pirmli iżda jmorru dirett fl-ispiżerija tal-għażla tagħhom u l-ispiżjara jkollha d-dettalji kollha tal-mediċina li huwa intitolat l-indiviwu fuq is-sitema kompjuterizzata. Spjegat ukoll li min ikollu bżonn appuntament ma tabib jista jagħmel dan fi kliniċi oħra li huma fil-viċin tal-lokal tal-Isla bħal klinika tal- Fgura, Zabbar, Kalkara, Marsaxlokk. |
| 37.03.11 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar laqgħa li kellu flimkien mas-segretarju eżekuttiv mad-dipartimet tat-TM fejn ġie diskuss f'hix wasal il-proċess tax-xiri tal-van u l-e scooters fejn, is-segretarju eżekuttiv talbet għal kwotazzjonijiet u ser jinxtraw ħames scooters għal użu tal-pubbliku fil-ħin tal-uffiċċju. Is-Segretarju eżekuttiv iddiskutiet mas-Sur Ludwig u s-Sinj Kim Bondin li waslu għal iffirmar tal-kuntratt tax-xiri tal-van u qegħdin fil-proċess tal-insurance tal-van. L-Insurance ser tiswa madwar €1795. Il-Kunsilliera qablu ma din il-kwotazzjoni. |
| 37.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kien preżenti għal kunċert ta Jum il-Kottonera li sar fil-bażilika fit-23 t'Ottubru 2021. |
| 37.03.13 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera preżenti li ikkomunika mas-Sinj. Isabel Zerafa minn Science Klabb fejn dawn il-lezjonijiet ser issiru f' Novembru 2021 fl-iskola tal-Isla u l-ħlasijiet issiru fil-kunsill tal-Isla. |
| 37.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li attenda l-laqgħa tar-reġjun fis-26 t' Ottubru u intbgħatu il-minuti 61/2021 u l-iskeda 123/2021 jumejn wara fit-28 t' Ottubru 2021 saret laqgħa b'urġenza li s-sindku attenda għal din il-laqgħa dwar vot ta' sfiduċja fuq is-segretarju eżekuttiv tar-Reġjun. |
| 37.03.15 | Is-Sindku ħabbar li l-kunsill lokali tal-Isla ġie infurmat li ħa l- fondi mill-iskema SEM sabiex jagħmel proġett fis-sala tal-kunsill u fil-librerija fis-sena 2022. Wara li jsir l-iffirmar jibda x-xogħol fuq dan il-programm. |

| | |
|---|---|
| 37.03.16 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar il-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira sabiex is-Sur Charlie Ellul jibbukja s-sala bejn id-19 ta' Marzu u 19 t' April 2022. Il-Kunsilliera qablu ma din il-wirja li saret sinonimu mal-kunsill tal-Isla fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira. |
| 37.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet ir-rapporti tal-perfomance bonus tal-iskrivana is-Sinj. Rita Baldacchino, l-perfomance Bonus tal-ħaddiema tal-community workers u l-performance bonus tas-segretarju eżekuttiv. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera huma kuntenti bix-xogħol li jwettqu l-ħaddiema kollha tal-kunsill, inkluż is-segretarju eżekuttiv għalhekk unanimament japprovaw 10% għall-performance bonus tas-segretarju eżekuttiv is-Sinj Graziella Gellel u 6% performance bonus tas-Sinj. Rita Baldacchino. Is-Segretarju Eżekuttiv f'isimha u f'isem il-ħaddiema tal-kunsill irringrazjat lil kunsill kollu tal-ħidma li jwettqu id f'id u l-koperazzjoni li jsibu bis-sħiħ minn għand il-kunsill kollu. |
| 37.03.18 | Is-Sindku, fil-laqgħa numru 35 issuġġerixa lil kunsillliera li għal bidu tas-sena l-ġdida jerġa' jagħmel talba lir-reġjun biex iqabbad dawn il-ħaddiem tar-reġjun sabiex il-kunsill jirranġa l-bankina ta' Triq iż-Żewġ Mini u l-Kunsilliera qablu dwar dan; iżda dawn il-ħaddiema huma assenjati għall biċċa xogħol oħra li ser tieħu iż-żmien għalhekk talab biex tinġabar kwotazzjoni biex issir il-bankina ta' Triq iż-Żewġ Mini, minn kantuniera ta' Triq il-Mina tax-xatt sal-kantuniera ta' Triq San Ġiljan. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment. |
| 37.03.19 | Is-Sindku informa l-kunsilliera kollha li is-Sinj. Corinne Buhagiar għaddeja bil-proċess tal-Code Week fl-iskola primarja u qed tieħu ħsieb ukoll il-kuntatti mal-esebitturi tal-bookfair fis-sala tal-kunsill lokali. |
| 37.03.20 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill lokali tal-Isla ma kwalifikax għal fondi għall-Milied 2021 għalhekk il-kunsill xorta ser jagħmel l-għalmu tiegħu sabiex ikun hawn Milied 2021 kif jixraq lil lokalita tal-Isla mill-fondi tal-kunsill u bl-għajnuna tal-volontiera. Il-laqgħat baqgħu għaddejjien mas-sotto kumitat tal-volontiera sabiex issiru attivitajiet fil-Belt tal-Isla għal żmien il-Milied.<br><br>Wirjiet tal-Milied<br><br>Wirja tal-Presepji Tradizzjonali Maltin<br>Mit-tnejn 13 sal-Erbgħa 22 ta' Diċembru 2021<br>Post: Kandlora<br>Esebitur : Emmanuel Vella |

| | |
|---|---|
| | Għall dan il-kunsill għandu jieħu ħsieb li jqabbad security għalhekk ser jitlob għall tlett kwotazzjonijiet, tinxtara il-ġulbiena u l-ponzjetti. Il-Kunsilliera qablu dwar din l-esebizzjoni.<br><br>Wirja ta' Presepju Life Size<br>Mil-Ġimgħa 17 sad- 19 ta' Diċembru 2021<br>Post: Maħżen iż-żgħir<br>Esebitur : Marco Agius<br><br>Rigali u kant tal-Milied<br>L-Erbgħa 22 ta' Diċembru fis-6pm, Santa Klaws ser ikun qed iddur mat-toroq tal-Isla akkumpanjat mill-kant ta' uħud mill-kantanti tal-Kor Nazzjonali tat-tfal sabiex ifferħu lill anzjani.<br><br>Prasepju Ħaj<br>L-esebizzjoni tal-prasepju ħaj li ser jitella l-Ħadd19 ta' Diċembru ser jerġa' jitella il-Ġimgħa 24 ta' Diċembru lejliet il-Milied, bħala parti miċ-ċlċbrazzjonijiet reliġjużi tal-paroċċa tal-Isla, sabiex tissaħħaħ it-tradizzjoni u terġa tingħata l-ħajja. Wara l-quddiesa ta' nofs il-lejl ser tiġi offruta tazza imbuljuta, ħelu tradizzjonali Malti bħal qagħaq tal-għasel. Għal din l-attivita ser ikun hemm baġit ta' €800 mill- kunsill tal-Isla.<br><br>Tfal u Studenti<br><br>Filwaqt li t-tfal tal-iskola Primarja tal-Isla ser jiġu mħeġġa jipparteċipaw flimkien mal-membri tal-grupp Gwardjola sabiex ipenġu u jaħdmu artifatti oħra sabiex dawn jiġu esebiti fil-binja tal-kunsill lokali. Din l-esebizzjoni ser tkun miftuħa bejn is-17 u 31 ta' Diċembru 2021.<br><br>Il-Kunsill ser jieħu ħsieb li jtella wirja ta' Presepji fl-Isla minn presepisti Maltin li kienu attendew Masterclass ta' Maestro D'Arte Pietro Alberto Accolla. Dawn ser ikunu it-Tnejn 13 ta' Diċembru bejn 9.30 am u 12.00 / 17.00 u it-20.00 u mit-Tlieta 14 ta' Diċembru sal-Ġimgħa 17 ta' Diċembru mill-17.00 sat-20.00; is-sibt 18 u l-Ħadd 19 ta' Diċembru bejn 9.30 u 12.00 / 17.00 sat-20.00 u mit-Tnejn 20 sal -Erbgħa 22 ta' Diċembru mill-17.00 sat-20.00. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb jiġbor kwotazzjonijiet għas-servizz ta' security f' dawn il-ħinijiet u l-ġranet.<br><br>Il-Kunsill ser jieħu ħsieb li jsir il-festin fit 18 ta' Diċembru 2021 għall anzjani ġewwa s-sede, ikla għal familja kollha fit-22 ta' Novembru ġewwa Nigret u ħarġa għat-tfal ġewwa l-Bird Park. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma dawn l-attivitajiet. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku informa lil kunsilliera li għat-tiżjiental-Milied ir-Reġjun Xlokk ser jimborsa lil Kunsilli tar-Reġjun Xlokk b €1200. Il-kunsill applika ma l-Arms minħabba d-demarcation box għat-toroq.<br><br>Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-sottokumitat tal-Milied ressaq is-suġġeriment sabiex issiru innijiet tal-Milied fit-toroq, bil-mikrofoni tal-knisja. Il-Kunsilliera qablu ma dan. |
| 37.03.21 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-imejl mibgħuta mill-iskemi tal-Gvern Lokali dwar Fond ta' Manutenzjoni u sostenn ta' proġett Infrastrutturali maġġuti li ġew imwetttqa mill-gvern SPI.SCI.7.2021. Il-Kunsill ser jissottometti l-applikazzjoni sabiex jingħataw fondi għat-tieni fażi għal-lift fi triq l-Arkati fejn il-kunsill kien applika fl-iskema SPI/SCI 8 /2021 – Finanzjament ta' proġetti kapitali aċċesibilita' u mobilita' fejn fis-27 t' Ottubru l-kunsill irċieva li ser jingħata l-ammont ta €48,720.28 għalldan il-proġett li l-istima ta' dan l-istess proġett tlaħħaq għal madwar €95,529.97. Il-Kunsilliera qablu li l-kunsill għandu jitlob fondi għat-tieni fażi ta' dan il-proġett tal-lift fi Triq l-Arkati għall aċċesibilita u mobilita'. |
| 37.03.22 | Is-Sindku talab sabiex is-segretarju eżekuttiv tressaq il-kuntratti tal-ELC u tal-Contracts Manager. Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet il-kuntratt tal-ELC fejn f' paġna 6 tad-dokument hemm iż-żmien li jista jaħdem il-kuntrattur b'dan il-kuntratt.<br><br>Il-Kunsill jista jibgħatlu ittra ta' *termination of contract* għaliex il-kuntratt ġie iffirmat fis- 6 ta' Settembru 2018 għalhekk f' Settembru 2021 ikun għamel is-sentejn tal-kuntratt u s-sena ta' estensjoni, fil-kuntratt jgħidlek li tista iġġeded sa massimu ta' sentejn.<br>Għalhekk il-kunsill huwa f'pożizzjoni li jiddeċidi jekk jitterminax il-kuntratt jew iġġeded għal sena oħra. Il-Kunsilliera qablu unanimament li għandu jigi terminat il-kuntratt u titqabbad kumpanija skond ix-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat ittra ta terminazzjoni tal-kuntratt kif ukoll il-pagament sa l-aħħar t' Ottubru 2021.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet il-kuntratt tal-Contracts Manager fejn is-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li l-aħħat li l-kuntrattur bagħat rapport kien f'Ġunju 2021. Is-Sindku talab li jingħata default skond il-kuntratt li f'paġna 8, item 19.2 li jgħid li jekk il-kuntrattur jonqos li jagħmel dmiru, il-kunsill għandu dritt li jittermina l-kuntratt jew inaqqas mill-pagament €100 għall kull nuqqas jew 20 % tal-pagament fix-xahar. Il-Kunsilliera qablu li jingħata default u jitnaqqas l-ammont mil-pagament tax-xahar. |
| 37.03.23 | Is-Sindku ressaq ittra datata 25 t' Otturbu 2021 mibgħuta mill-Arċipriet Fr. Robin Camilleri fejn qed jissuġġerixi li ssir chargin pillar fi Pjazza |

| | |
|---|---|
| | Benedittu XV għar-residentiu l-pellegrini li jiġu jżuru ix-xbiha ta Ġesu' Redentur. |
| 37.03.24 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser issiru aktar attivitajiet sportivi bhal aerobics, yoga u pilates li parti mill flus li jinġabru ser imorru għall Community Chest Fund. Ser issir attivita ta' fitness fis-17 ta' Novembru li din ser issir darba fix-xahar fil-grawnd tal-futbol sakemm it-temp jippermetti. Is-Sindku informa lil kunsilliera sabiex jinkoraġġixu lir-residenti li ser issir il-Fun Run fil-21 ta' Novembru 2021, il-flokkijiet jinġabru mill-uffiċċju tal-kunsill fejn ser jingħataw vawċer ta' €20 għall kull parteċipant. |
| 37.03.25 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li l-istudenti li intgħażlu għall proġett tal-HEUROPE qed jaħdmu sabiex itellgħu vedeos u presentations fuq Human Rights. |
| 37.03.26 | Is-Sindku ressaq imejl mibgħuta minn għand is-Sinj. Lianne Cassar mill-AKL dwar laqgħa ta' konsultazzjoni flimkien ma l-Onor Dr. Ian Borg rigward ir-riġenerazzjoni tal-Port il-kbir, min jixtieq jattendi, ir-reġistrazzjonijiet jagħlqu fil-5 ta' Novembru 2021. |
| 37.03.27 | Is-Sindku ressaq imejl mibgħuta minn għand is-Sinj. Lianne Cassar mill-Akl dwar ġbir ta' skart bieb bieb minn stabbilimenti kummerċjali, fejninfurmat lil kunsilli li l-Green Pak waqqfet is-servizz volontarju tal-ġbir ta' skart tal-ippakkeġġjar bieb bieb minn stabbilimenti kummerċjali żgħar. |
| 37.03.28 | Is-Sindku informa lil -kunsilliera dwar skema sabiex il-kunsill japplika għall fond biex ikun hemm manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-gvern SPI/SCI/7/2021 – il-lokal tal-Isla kiem sar il-proġett tax-xatt għalhekk is-sindku ser ikellem lil Perit Zerafa Boffa biex jara jistax il-kunsill jibbenifika minn dawn il-fondi. Din l-iskema talgħaq fis-26 ta Novembru 2021. |
| 37.03.29 | Is-sindku irċieva talba fis-16 t' Ottubru 2021 minn għand is-Sur Ray Bezzina li huwa president tal-kunsill tal-iskola primarja sabiex issir risk assessment quddiem l-iskola. Is-Sindku talbu kwotazzjoni biex kif qed issir ix-xogħol f'dik in-naħħa, iressaqa lil GHRC. |
| 37.03.30 | Il-Kunsill ġie magħraff li hemm multa fuq resident ta' €50, 000 jew ħabs li tella' xi kmamar bla permess fi Triq il-Mina tax-xatt, il-planning ser tieħu azzjoni. |

| | |
|---|---|
| 37.03.31 | Is-Sindku ressaq talba minn għand s-segretarju tal-każin tal-banda sabiex il-kunsill ikun jista jikkolabora biex jinxtraw rigali għat-tfal li qegħdin f' homes. Is-sinjorina Corinne Buhagiar ħarġet mil-laqgħa tal-kunsill minħabb interess personalli peress li hija is-segretarja tal-każin. Is-Sindku is-Sur Clive Pulis approva li l-kunsill joħroġ €250 u l-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt issekondah. |
| 37.03.32 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-segretarja bagħtet ċirkuklari numru Cir AKL 2021/109 – Proposta Metro - permezz ta' imejl li intbghatet mill-AKL fis-26 t' Ottubru 2021 fejn qed tinforma lil kunsilli li l-AKL qed tanalizza d-dokument pubblikat dwar il-proposta tal-metro u wara tipprepara dokument ta' konsutazzjoni għad-diskussjoni mal-kunsilli. |
| **37.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 37.4.01 | Ma kienx hemm. |
| **37.5** | **Rapporti** |
| **37.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order u Petty Cash* għax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2021 fejn ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u s-sekondati mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **37.5.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart lil kunsilliera kollha permezz ta' imejl.Is-segretarju Eżekuttiv spjegat li l-pożizzjoni finanzjarja tinsab f'istwazzjoni pożżittiva għalhekk il-kunsill jista jagħmel l-akkwist tal-e van f'pagament wieħed. Ir-Rapport Finanzjarju tat-tielet kwart ġie approvat mil-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u il-kunsilliera is-Sinjorina Corinne Buhagiar. |
| **37.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |

| | |
|---|---|
| 37.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 10 / 2021 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sur Malcolm Gatt. |
| **37.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 37.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 30 ta' Novembru 2021 fil-5:00p.m |

Konfermati, illum __30_ta' Novembru 2021

IFFIRMATA______
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA_________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv